MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 32/2010

**Patri Carmelo Schembri**

**Vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fit-8 ta’ April 2010 l-attur talab korrezzjoni fl-att tat-twelid tieghu fis-sens li l-isem Carmel jigi sostitwit ghal Carmelo.

Permezz ta’ risposta guramentata prezentata fil-15 ta’ April 2010 il-konvenut m’oggezzjonax diment li tingieb prova li l-attur hu maghruf bl-isem Carmelo u mhux Carmel.

Fit-13 ta’ April 2010 saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Fis-seduta tal-lum l-attur ipprezenta affidavit tieghu u ta' hutu u dokumenti. Minn dawn il-provi jirrizulta li l-attur hu verament maghruf bl-isem ta' Carmelo. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-passaport, karta tal-identita ta' Malta u dokumenti ufficjali ohra mahrugin fil-Brazil. Jirrizulta li l-attur ilu mill-1968 jaghmel xoghol pastorali fil-Brazil u hu maghruf bl-isem ta' Carmelo u mhux Carmel. Min-naha tal-konvenut, wara li ra l-affidavits u dokumenti, iddikjara li m'huwiex joggezzjona ghat-talba.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa' t-talba tal-attur u tordna lill-konvenut sabiex jikkoregi l-att tat-twelid tal-attur (numru 506/1942) fis-sens li isem l-attur (Carmel) jigi sostitwit bl-isem Carmelo.**

**Spejjez a karigu tal-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------